Minuti tal-laqgħa numru ħdax (11) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 7 ta' Mejju 2025.

Il-laqgħa bdiet tard peress li s-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab lill-Kunsill jisma' delegazzjoni li ġiet toġġezzjoni fuq PA2441/25 dwar żvilupp li se jsir fi Triq il-Buskett. Dwar dan il-Kunsill iddeċieda li jkun *a registered objector* u se noġġezzjoni għall-għoli eċċessiv f'zona li faċċata tagħha hemm il-vilel tal-Virtù, ir-Rabat.

Il-laqgħa bdiet tliet kwarti tard, fis-6.15pm

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Sa Graziella Brincat | Kunsillier |
| | Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| | Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Sur Terrence Sant | Kunsillier |
| | Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |
| | Skuzat: Sur Paul Grech | Kunsillier |

11.01 **Qari tal-ittri ta' Apoloġija** — Apoloġiji

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa. Is-SE qal li rċieva messaġġ fuq it-telefon ċellulari mis-Sur Paul Grech fejn talab biex ikun skużat.

11.02 **Qari, kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta preċedenti** — Minuti

Il-Minuti tas-seduta preċedenti kienu meħuda b'moqrija għaliex kienu mgħoddija lill-kunsillieri ħamest ijiem qabel, mal-agenda, u kienu kkunsidrati u approvati unanimament wara li dawn tressqu għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u kienu ssekondati mill-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti.

11.03 **Ċedola tal-Pagamenti 369** — Ċedola tal-Pagamenti

Iċ-ċedola tal-pagamenti 369 kienet approvata u ffirmata mil-proponent u s-sekondant kif jidhru fuq il-kopja oriġinali bi qbil unanimu mil-Kunsill Lokali tar-Rabat.

11.04 **Ċedola 86 tax-xiri, xogħlijiet u servizzi** — Ċedola tax-Xiri

Iċ-ċedola tax-xiri, xogħlijiet u s-servizzi numru 86 kienet approvata b'vot unanimu bil-proponent u s-sekondant jiffirmaw fuq id-dokument oriġinali.

11.05 **Minn Pjazza għal Pjazza**

Dwar l-applikazzjoni li se tagħlaq nhar 12 ta' Mejju 2025, il-kunsillier is-Sa Charmaine Balzan qalet illi għandha tliet proposti li għamlithom il-kumpanija *Twist Events.* Dawn il-proposti jitkellmu fuq proġett differenti li fl-istess ħin għandhom għanijiet komuni. Saret domanda mis-Sur Rudolph Grima jekk il-proġett Minn Pjazza għall-Pjazza nistgħux nabbinawh ma' Jum ir-Rabat? Għal dan, is-Sa Charmaine Balzan qalet li ma tistax u lanqas nistgħu nabbinawha mal-inawgurazzjoni tal-monument ta' Joseph Calleja. Kien deċiż illi mit-tliet proposti tiġi magħżula l-proposta XXL u d-data tal-attività tagħna tkun l-ewwel Sibt fuq il-festa ta' San Pawl.

Minn Pjazza għal Pjazza

11.06 **Audited Financial Statements ye 2024**

Dawn ma waslux mingħand l-udituri u għaldaqstant ma setgħux ikunu kkunsidrati f'din il-laqgħa.

Audited Financial Statements 2024

11.07 **Monument Joseph Calleja**

Dwar il-monument ta' Joseph Calleja, il-Kunsill qed jistenna mid-Dipartiment Gvern Lokali n-*no objection* ta' din id-*direct order* tal-funderija Taljana. Il-*bust* tal-fibre jinsab għandhom u kienet approvata l-mawra f'Napli tal-Iskultur is-Sur Joe Scerri.

Monument Joseph Calleja

11.08 **Barriera – Triq Santa Katerina**

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar il-barriera tat-Tlata. Hu spjega li propju llum iltqajna mad-Direttur tal-Infurzar tal-Awtorità tal-Ippjanar fil-preżenza ta' żewġ residenti u dawn qalu li l-obbligu jaqa' fuq l-ERA. Għaldaqstant se niltaqgħu mal-ERA biex niddiskutu dwar dan kollu.

Laqgħa mal-Awtorità tal-Ippjanar kif ukoll mal-ERA dwar il-Barriera tat-Tlata

11.09 **Skemi tad-Dipartiment Gvern Lokali**

Is-Sa Charmaine Balzan ippreżentat il-proposta għall-iskema SPI.SCI.4.2025 - Espressjoni ta' Interess – Milied 2025 li se tagħlaq ukoll f'dan ix-xahar. Il-proposta hija *Breakfast with Santa and Friends.* Dwar din kien hemm qbil unanimu u kien issuġġerit biex dan isir f'Giardini Lambrosa, Triq taċ-Ċawla, ir-Rabat.

Skemi tad-Dipartiment Gvern Lokali

11.10 **Punti Oħra**

11.10.01 Is-Sur Nazju Cassar ippropona biex il-Kunsill Lokali tar-Rabat joħroġ offerta pubblika dwar il-manutenzjoni tat-toroq u l-bankini. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab lis-Sur Nazju Cassar biex isegwi aktar mil-qrib ix-xogħol ta' manutenzjoni li hemm prevista mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi, f'Tal-Virtù, forsi nibdew il-manutenzjoni fuq il-bankini.

Tender tal-manutenzjoni tat-toroq

11.10.02 Is-Sur Nazju Cassar qal li kellu laqgħa mas-Sur Brian Hammet Biex jibda' x-xogħol ta' tindif mil-ħaxix ħażin fil-Wied tal-Isqof. Hu qal li pero' x-xogħol li qed isir mid-Dipartiment tal-Indafa u l-Manutenzjoni speċjalment fi Triq it-Tiġrija, qed isir b'rata li mhi sodisfaċenti xejn.

Qtugħ tal-ħaxix ħazin mid-Dipartiment tal-Indafa u l-Manutenzjoni

11.10.03 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq l-oġġezzjoni li qed jagħmel il-KLR dwar l-iżvilupp propost fi Triq Gorg Borg Olivier għal-lukanda ta' tliet stilel kif ukoll bi spazju għall-*entertainment* fuq wara. Is-Sur Sandro Craus qal r-residenti qed iqabbdu lil Dr Stafrace biex jirrappreżentahom.

Lukanda fi Triq GBO

11.10.04 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' l-proġett tas-Saqqajja u kif miegħu se jkun hemm marbut il-proġett tas-CCTV li qed jieħu ħsieb is-Sur

CCTV - Saqqajja

Terrence Sant. Hu qal illi l-*wiring* kollu jrid jgħaddi minn *trunking, sleeved* taħt l-art.

11.10.05 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-proġett tal-*Pedestrianisation.* Hu qal li dan se jsir fuq finanzjament tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu u se jkun immaniġjat minn Infrastruttura Malta. Dan il-proġett tal-ippavimentar tal-isqaqien, miegħu hemm abbinat ukoll il-funzjoni tal-*Whatsapp u QR codes* biex jgħinu lil viżitatur. — Heritage Trail

* Is-Sur Rudolph Grima telaq mil-laqgħa fis-7.30pm.

11.10.06 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' t-traffiku fir-Rabat u qal li rridu naġixxu dwar il-proposta ta' Triq San Pawl li hemm il-ħsieb li ssir pedonali nhar ta' Ħadd filgħodu. Intqal ukoll li fil-parti ta' fuq, quddiem il-każin tal-PL, saħansitra qed jinżlu anke karozzini biż-żwiemel *wrong way.* — Traffiku; Proposta għal Triq San Pawl biex issir pedonali

11.10.07 Issemmiet ukoll mill-Viċi Sindku, s-Sur Matthew Chetcuti, Triq Ġorg Borg Olivier kif ukoll il-proposta li ssir cctv biex ikunu mmultati dawk li jgħaddu b'vetturi tqal. Hu qal li qed nistennew aktar tagħrif mingħand il-LESA biex naraw jekk dawn il-cameras humiex fattibbli; jiġifieri li joħorġu ċ-ċitazzjonijiet huma b'mod awtomatiku bl-AI. — Cctv għal Triq GBO

11.10.08 Issemma' wkoll il-konfużjoni bil-ħanut tal-pastizzi fi Triq Tabija. Intqal li un/loading bay hemmhekk eżatt quddiem dawn il-ħwienet mhux se tkun approvata qatt minn Transport Malta u lanqas zebra crossing kif jixtiequ is-sidien tal-ħwienet għax diġa' ġiet rifjutata. — Entitajiet kummerċjali fi Triq Tabija

11.10.09 Fl-aħħar nett kien ippreżentat ritratt mis-Sur Norbert Grech li juri li minn Triq Toni Farrugia ma tistax toħroġ komdu għal Triq Għeriexem minħabba parkeġġ. Hawn is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li se jitneħħa dan. — Parkeġġ li qed jostakola l-viżta

11.10.10 Kien deċiż illi niltaqgħu dwar l-attività li hu kien ippropona tal-*Bicycle Ride* nhar it-18 ta' Mejju 2025, nhar l-14 ta' Mejju 2025 filgħodu fil-preżenza tas-Sa Charmaine Balzan. Is-Sur Nazju Cassar ippropona illi jitnaddfu t-toroq fil-kampanja mil-ħaxix ħażin qabel ma ssir din l-attività. — Bicycle Ride

* Is-Sur Terrence Sant telaq mil-laqgħa fit-8.00pm.

11.10.08 Is-Sur Nazju Cassar tkellem dwar l-importanza li tkun installata *speed camera* fi Vjal il-Ħaddiem minħabba is-sewqan esaġerat li qed ikun hemm. — Speed Camera fi Vjal il-Ħaddiem

11.10.09 Is-Sur Matthew Chetcuti talab lis-SE jekk hemmx xi żvilupp (proposta) dwar l-*unloading bay* quddiem il-ħanut tal-laħam fi Triq Santa Katerina (mhux tad-Daħla). Transport Malta għadhom ma rrispondewx. — Un/loading bay fejn il-Verdala

11.10.10 Is-Sur Nazju Cassar talab li tkun imnaddfa is-*soft area* u *r-roundabout* f'Ħofret ir-Rizz u anke t-triq ta' Raba' Nemel. — Tindif f'Ħofret ir-Rizz

11.11 **Data u ħin tal-laqgħa li jmiss** — Aġġornament
Din il-laqgħa spiċċat fit-8.15pm u l-laqgħa li jmiss kien hemm qbil li ssir nhar il-11 ta' Ġunju 2025 fl-istess ħin.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 11 ta' Ġunju 2025 minn Sandro Craus

Segretarju Ezekuttiv Sindku